MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-10 ta' Marzu, 2004

Numru 949/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur David Saliba)**

**vs**

**William Borg**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra William Borg ta' 30 sena bin Gaetano u Salvina xebba Diacono imwieled Pieta` nhar l-1 ta' Lulju 1972 u li joqghod 'Merhba Hse', Triq Mater Boni Consili Fgura u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 426672 M.

Akkuzat:

1. talli nhar id-29 ta' Lulju, 2002 ghal habta ta' 8.45 am, F'Haz-Zabbar, u fi bnadi ohra ta' Malta, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom taghti s-setgha lil privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Ramond Psaila kontra l-volonta tieghu, jew ta l-post biex fih dan il-persuna tigi arrestata mizmuma jew issekwestrata.

2. talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded lill-imsemmi Raymond Psaila b'haddida.

Rat it-talba tal Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jitrattaw sekwestru u arrest legali u theddid.

Mill-provi jirrizulta li l-kwerelant irrinunzja ghal kull akkuza rinunzjabbli b'dan li hemm procediment esawrit fuq it-tieni akkuza.

Fir-rigward l-ewwel akkuza mix-xhieda tal-istess kwerelant din pelesament ma tirrizultax.

Konsegwentament tiddeciedi l-kawza billi tiddikjara procediment esawrit fil-konfront tat-tieni akkuza u tillibera lill-imputat mill-ewwel akkuza li ma rrizultax.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------